
CERADA

# IL-QUDDIESA

## TA' NHAR

# IL-LUNZJATA

MIĠJUBA FIL-MALTI MINN


**DUN KARM SANT**

*B.A., Lic.D., Lic.S. Script.*


*Illum hija l-kuruna tal-fidwa tagħna u t-turija tal-Misteru Etern. L-Iben t'Alla jsir Bin ix-Xebba u Gabriel jagħti l-bxara tal-Grazzja. Lil omm Alla għalhekk insellmu miegħu: Is-sliem għalik mimlija bil-grazzja, il-Mulej miegħek.*

Mill-Liturġija Griega ta' S. Ġwann Krisostomu.


GIOV. MUSCAT,
MALTA 1953.

*Nirringrazzjaw lill-W. Rev. Dun Karm Cauchi, S.Th.L. għad-disinn li għoġbu jagħmlilna. It-traduzzjoni tal-bċejjeċ meħuda mit-Testment il-Qadim huma tal-W. Rev. Mons. Prof. P.P. Saydon, B. Lit., B.L. Can., D.D., L.S.S.*

D. K. S.

*Nihil Obstat.*
Melitae die 17 Febr. 1953.
PROF. TABONE
*Cens. Theol.*

*Imprimatur*
Datum in Curia Archiepali. Melitae
† EM. GALEA Ep. Trallian in Asia
*Vic. Gen.*



**L-ANĠLU JHABBAR LIL MARIJA**

*Pittura ta' P. Gagliardi li tinsab fil-Knisja Parrokkjali Matriċi ta' Ħal Tarxien*

# IL-FESTA TAL-LUNZJATA

Il-Festi tal-Knisja huma ġranet li fihom l-Insara jfakkru il-Misteri tal-Fidi u tal-Grazzja Mqaddsa tal-Fidwa tagħna; jiftakru fix-Xebba Omm Alla, fl-Appostli tiegħu, fil-Martri u l-Qaddisin l-oħra. Ma tulhom isir talb u xi mindaqqiet jieqaf ix-xogħol. Il-Bidu ta' dawn il-festi jinsab fit-Testment Qadim meta l-Israeliti kellhom jitilgħu Ġerusalemm għall-Festi l-Kbar ta' l-Għid li ma' tulha kienet u għadha tfakkar il-Mewt u Nisranija għamlet l-istess: l-ewwel ma bdiet bil-festa ta' l-Għid li matulha kienet u għadha tfakkar il-Mewt u l-Qawmien mill-Imwiet ta' Sidna Ġesù Kristu, u l-Għid il-Ħamsin meta niżel l-Ispirtu s-Santu fuq il-Knisja. Wara mbagħad żdiedu il-Festi tal-Milied u l-Epifanija fis-seklu erbgħa; il-festi tal-Appostli, tal-Martri u tal-Konfessuri fis-seklu ħamsa; fis-sitta u s-seba' seklu daħlu il-festi tal-Madonna. Issa nieqfu fuq il-festi tal-Madonna, l-iktar **fuq il-Lunzjata.**

*Kif bdiet.* L-ewwel tagħrif fuq il-ġrajja ta' l-Annunzjazjoni nsibuha fil-Vanġelu ta' S. Luqa; l-Evanġelisti ftit tawna tagħrif fuq Marija; l-interess tagħhom kien kollu kemm hu miġbur fi Kristu Binha. Iżda qalulna biżżejjed fuqha meta qalulna: *Minnha twieled Ġesù* (Mat. 1, 16). Ma jfissirx b'daqshekk li l-Insara ta' l-ewwel snin tal-Knisja ma kienux iqiemuha. Insibu l-ewwel xbihat tagħha fil-Katakombi Rumani ta' Prixxilla u ta' SS. Pietru u Marcellu u ħdejn xi qobra hemm: *refrigeret tibi domna Maria,* isserrħek Sidtna Marija. Iżda il-festi kif nafuhom aħna nistgħu ngħidu li bdew jidhru fis-seklu erbgħa wara il-paċi ta' Kostantinu.

Meta Kostantinu (326-336) sar Nisrani għamel kemm seta' biex iġib il-quddiem ir-Reliġjon Nisranija; fost ħwejjeġ oħra hu u ommu S. Liena kellhom qima liema bħalha lejn l-Imkejjen imqaddsa mill-Ħajja ta' Ġesù Kristu u Ommu Marija. Għalhekk bnew Knejjes mal-Palestina kollha speċjalment f'Ġerusalemm

f'Nazareth u f'Betlem, fejn seħħu l-ġrajja l-kbar fil-Ħajja ta' Ġesù Kristu. F'Nazareth instabet Bażilika ta' żmien Kostantinu ddedikata lill-Mistejru ta' l-Inkarnazjoni u l-Annunzjazjoni ta' Marija. Min din il-Bażilika ma fadal xejn ħlief xi bċejjeċ tal-kolonni tal-granit. Il-Post kien fejn Marija issejħet Omm Alla l-ewwel darba mill-Anġlu Gabriel. F'dawn il-Knejjes mibnija minn Kostantinu mal-Palestina kollha kienu jsiru t-tifkiriet ta' dawn il-ġrajja ta' kull sena; hekk ukoll kien isir f'Nazareth: kienet issir mela l-Festa tal-Lunzjata. Iġifieri din kienet l-ewwel Festa tal-Madonna għalkemm mhux mall-Knisja kollha.

Fis-seklu ħamsa u wara f'imħabba il-pellegrinaġġi li ta' sikwit l-insara tad-dinja kollha kienu jagħmlu għall-Palestina dawn il-festi xterdu mad-dinja kollha u għalhekk insibu din il-Festa tal-Lunzjata xterdet mal-Knisja kollha l-iktar wara li l-Konċilju ta' Efesu fis-sena 431 iddefinixxa Domma tal-Fidi li Marija hi u għandha tissejjaħ Omm Alla. Mill-Lvant xterdet fil-Punent. Fis-sena 656 il-Konċilju ta' Toledo fi Spanja jitħaddet min din il-festa tal-Madonna, bħala festa universali u qadima u jiffissha għal Diċembru; min kliem il-Konċilju jista' wieħed igħid li din kienet il-festa waħdanija tal-Madonna għallinqas Spanja dik il-ħabta. Mis-seba' seklu 'l hawn insibu li din il-festa kienet tinsab mal-Knisja kollha.

*Id-Data.* Mill-Konċilju ta' Toledo jidher li Spanja kienu jagħmluha fit-18 ta' Diċembru biex ma jagħmluhiex fir-Randan għax ma' tul dan iż-żmien ma kienux jistgħu isiru festi. Fil-Lvant kienu jagħmluha fil-25 ta' Marzu għalkemm kien jaħbat ir-Randan. Il-jum 25 ta' Marzu ġie b'dan il-mod: l-antiki kienu jaħsbu li Kristu miet fil-25 ta' Marzu u għalhekk tnissel fi ħdan Marija fil-istess jum, u dik inhar inħolqot id-dinja. Fuq dan ukoll intgħażlet id-data għall-Milied.

Rajna kif imħabba ir-Randan fi Spanja kienet issir fit-18 ta' Diċembru. Hekk ġara li fil-Liturġija Mozarabika u Ambrozjana l-Milied u l-Lunzjata intrabtu flimkien

b'mod li l-Lunzjata saret tħejjija għall-Milied. Illum fir-Rit Latin u fir-Rit tal-Lvant din il-festa issir fil-25 ta' Marzu. Meta taħbat fil-Ġimgħa l-Kbir issir it-Tnejn l-għada ta' Ħadd il-Ġdid fir-Rit Latin; fil-Knejjes tal-Lvant l-għada ta' l-Għid.

Din il-festa sas-sena 1919 kienet festa kmandata; imħabba it-tibdil li sar fil-ħajja tal-bnedmin il-Knisja naqset ħafna mill-festi kmandati, u mill-festi tal-Madonna żammet biss il-Kunċizzjoni u l-Assunzzjoni, l-ewwel u l-aħħar grazzja tal-Madonna fil-Liturġija tal-Knisja. Hi l-eqdem waħda u tfakkar l-ikbar titolu u l-isbaħ wieħed li għandha: *Marija Omm Alla.*

*Il-Lunzjata F'Malta.* Kien hemm żmien meta aħna konna ma' l-Imperu Bizantin u għalhekk ma setax ma konniex taħt l-influwenza tal-Knisja Griega; kif nistgħu naraw mid-devozjonijiet li għandna lejn Qaddisin li huma populari fil-Lvant bħal SS. Kosma u Damjan; Ġorġ, Demitri, Spiridjun, Katerina ta' Lixandra; min kliem tal-Knisja fil-Malti li ġej mill-Grieg direttament, bħal *Griżma* u mill-fatt li fostna kellna ir-Rit Gallikan. Għalhekk ma jistax ikun li din il-Festa ma daħlitx fostna kmieni meta kien għad hawn il-Bizantini sa 870 A.D. Id-Devozzjoni lejha kienet qawwija u għelbet ukoll il-ħakma Għarbija tant li nsibu li fis-seklu 15 il-Birgu kien hemm il-Mastranza taħt il-Protezzjoni ta' Marija Annuzjata. Nistgħu ngħiduh f'kull parroċċa hemm jew xi altar jew xi Knisja żgħira ddedikata lil Marija Annunzjata mbarra f'xi parroċċi għadhom isiru. F'Malta u Għawdex hemm 13 il-Knisja b'dan it-titolu.

In-Nies tal-Parroċċa ta' Ħal Tarxien wara li fis-sena 1595 nqatgħu mill-Parroċċa tal-Gudja fejn hemm Knisja ddedikata lill-Marija Annunzjata meta ġew biex jibnu knisja ġdida għażlu li jiddedikawha lil Marija Annunzjata u joqgħodu taħt il-ħarsien tagħha .

Billi il-25 ta' Marzu jaħbat fir-Randan, f'Ħal Tarxien il-Festa tal-Lunzjata ssir fit-Tielet Ħadd fuq l-Għid u Ħal Balzan, f'Ħadd il-Ġdid.

*Il-Quddiesa tal-Lunzjata.* Xi tfakkar sewwa il-Knisja f'dan il-jum? Nistgħu narawh mill-ismijiet li bihom fil-qedem l-Insara kienu jsejħu lil din l-festa: fost il-Griegi kienet tissejjaħ: *il-Bxara it-tajba, il-festa tal-Bxara, il-grazzja,* u fil-Knisja Latina: *it-Tħabbira ta' Marija; il-Bxara ta' l-Anġlu, it-Tislima ta' Marija, il-Bxara lil Marija dwar it-tnissil; it-Tħabbira tal-Mulej, il-bidu tal-fidwa, it-tnissil ta' Kristu, il-festa ta' l-Inkarnazzjoni.* Min din jidher li f'din il-festa Marija u Binha Ġesù jitħalltu flimkien iżda nistgħu ngħidu li fil-Punent hi festa tal-Madonna u fil-Lvant hi festa ta' Kristu, kif jidher mill-Quddiesa. Fiha nsibu tagħlim dwar il-Misterju ta' l-Inkarnazzjoni u talba ħalli l-grazzji ta' l-Inkarnazzjoni jinżlu fina, iżda huwa kollox miġbur fil-persuna ta' Marija.

Fl-introjtu il-Knisja tinqeda bi Kliem is-Salmista biex turi kif Marija hi mixtieqa u mfaħħra min kulħadd, min Alla u mill-bnedmin. Il-Knisja titlob li Marija tindaħal għalina quddiem Alla u tkun mismugħa. L-Epistula hi meħuda mill-Profeta Isaija, fejn hemm it-tħabbira li l-Messija kellu jitwieled minn Xebba; f'Marija naraw isseħħ din il-profezija. Fil-Gradwal u fit-Tratt il-Knisja terġa tinqeda bi Kliem is-Salmista biex turi l-imħabba li Alla biha ħabb lil Marija u l-ġmiel ta' din l-Kreatura li ħarġet min idejh. Imbagħad fl-Halleluja il-Kbira tinqeda bi Kliem l-Anġlu Gabriel biex issellem lil Marija. Il-Vanġelu hu meħud minn S. Luqa, fejn dan l-Evanġelista jgħidilna il-ġrajja tat-tħabbira ta' l-Anġlu Gabriel kif qalithielu Marija stess. Huwa Vanġelu li fih insibu irrevelat għall-ewwel darba il-Misteru ta' l-Inkarnazzjoni ta' l-Iben t'Alla. Marija bl-umilta' kollha għalkemm taf bid-dinjita' hekk għolja li Alla għoġbu iżejjinha tistqarr ruħha il-qaddejja jew ilsiera tal-Mulej u dak il-ħin il-Verb isir bniedem. Fl-Offertorju il-Knisja terġa tinqeda bi kliem l-Anġlu biex issellem lil Marija. Fis-Segreta il-knisja titlob li jirnexxilna naslu għall-hena ta' dejjem bis-saħħa tal-Qawmien mill-Imwiet ta' l-Iben t'Alla. Fit-tqarbina

nerġgħu niftakru fil-profezija ta' Isaija dwar it-twelid minn Xebba u l-isem tal-Messija: *Alla magħna*. Wara t-tqarbina nitolbu li wara li għarafna il-Misteru ta' l-Inkarnazzjoni tinżel il-grazzja t'Alla fina u hekk naslu għall-glorja tal-Qawmien mill-Imwiet bis-saħħa ta' l-Inkarnazzjoni ta' Ġesù Kristu.

Meta il-Festa tal-Lunzjata ma ssirx fil-25 ta' Marzu, tingħad il-Quddiesa tal-Madonna li tingħad fl-Avvent, li kif diġa rajna hu żmien il-Lunzjata bħala tħejjija għall-Milied kif kien isir fil-Liturġija Mozarbika ta' Spanja; fil-Parroċċa ta' Ħal Tarxien billi l-festa issir wara l-Għid tingħad din il-Quddiesa, li għandha xi ħaġa li ma taqbilx ma din li rajna għalkemm xi ħaġa żgħira. L-Intorjtu hu meħud mill-Profeta Isaija, il-Profeta ta' l-Inkarnazzjoni; fiha il-profeta jitlob li tinfetaħ is-sema u jinżel il-Messija. Fil-Gradwal is-Salmista jitlob li jinfetħu il-bibien ta' l-ibliet biex jidħol is-Sultan tal-Glorja. Dawn id-differenzji żgħar issibuhom mniżżla fil-quddiesa stess li se taqraw f'dan il-ktejjeb.

---

## IX-XBUBIJA TA' MARIJA OMM ALLA

Fi ħdan Marija sar tarbija dak li hu daqs il-Missier sa mill-Eternità. Tana il-kobor tiegħu u ha d-djufija tagħna; qad għall-mewt biex aħna, b'ħajtu ġo fina, ma mmutu qatt iżjed.

Din ix-Xebba saret Omm, u żammet xbubitha; għeliem xbubitha bla mittiefsa, ġiebet fi ħdanha t-tarbija; saret Omm Alla u l-qaddejja tiegħu u għamil għerfu... Marija nisslet il-bniedem b'mod li n-natura ma ntebħetx bid-daħla tat-tarbija; qabel kien nar u spirtu; fi ħdan ommu sar bniedem u baqa' Alla perfett.

Sant'Efrem (306-373): *Innijiet*.

## MARIJA OMM ALLA U XEBBA

Ma tnissilx l-ewwel bniedem mix-Xebba, hu min hu, imbagħad niżel fih il-Verb t'Alla; iżda fil-ġuf stess ingħaqad mal-ġisem u għalhekk ngħidu li skond il-ġisem hu mnissel b'mod li t-tnissil ta' ġismu jissejjaħ tiegħu.

Min ma jistqarrx li Alla hu tabilħaqq Emanwel u għalhekk ix-Xebba Mqaddsa tabilħaqq Omm Alla (wieldet, skond il-ġisem, il-Verb t'Alla magħmul bniedem) ikun skumnikat.

*Definizjoni tal-Konċilju ta' EFESU fis-sena 431 A.D.*

---

## MARIJA OMMNA

Kienet hi (Marija) li fiha kienet tiġbor il-bnedmin kollha, li tat il-kunsens għaż-żwieġ spiritwali bejn l-Iben t'Alla u l-bniedem. ...Kienet hi fl-aħħar Sultana tabilħaqq tal-Martri, li billi refgħet bil-qlubija u il-fiduċja ta' Qalbha it-toqol bla tarf ta' nikitha, ħafna iktar minn l-insara kollha żiedet dak li jonqos fit-tbatijiet ta' Kristu għal Ġismu li hi l-Knisja u hi li xerrdet fuq il-ġisem mistiku tiegħu, imwieled mill-Qalb maqsuma tal-Feddej dik il-kura u mħabba imħeġġa ta 'omm li biha Hija rabbiet u mantniet lit-tarbija Ġesù fin-nieqa.

Il-Papa Piju XII: Enċ.

*Il-Ġisem Mistiku ta' Kristu.* 1943.

## QUDDIESA TA' NHAR IL-LUNZJATA

*Tħejjija għas-Sagrifiċċju*

Fl-Isem tal-Missier u ta' l-Iben u ta' l-Ispirtu s-Santu. Amen.

*Il-Qassis*: *Ant.* Nersaq lejn l-artal t'Alla;
*Il-Poplu*: Ħdejn Allà il-ferħ ta' żogħżiti.

*Sal 42.*

Q. Agħmel ħaqq lili, ja Alla u żomm miegħi kontra poplu midgħi, min-nies qarrieqa u kollhom hjiena eħlisni.

P. Għax Inti, Alla, il-qawwa tiegħi, l-għala tlaqtni? L-għala qalbi sewda nimxi, maħqur mill-għadu?

Q. Ibgħat id-dawl tiegħek u l-emiena tiegħek; Imexxuni huma, u jwassluni fil-għolja imqaddsa tiegħek, fil-għamajjar tiegħek,

P. Biex immur ħdejn l-artal t'Alla, ħdejn Alla ferħ u hena tiegħi;

Q. U lilek infaħħar b'daqq l-utar, ja Alla, Alla tiegħi. L-għala tintelaq, ja ruħi, u titniehed ġo fija?

P. Itma' f'Alla għax għad nista' infaħħru, Hu l-għajnuna ta' wiċċi u Alla tiegħi.

Q. Glorja lill-Missier u lill-Iben u lill-Ispirtu s-Santu.

P. Kif kien mill-bidu issa u dejjem u jibqa għal dejjem ta' dejjem. Amen.

*Ant.*

Q. Nersaq lejn l-artal ta' Alla;

P. Ħdejn Alla il-ferħ ta' żogħżiti.

Q. L-għajnuna tagħna f'isem il-Mulej.

P. Li għamel is-sema u l-art.

Q. Nistqarr lil Alla, li jista' kollox, lil Marija Santissima dejjem Xebba, lil S. Mikiel Arkanġlu, lil San Ġwann Battista, lill-Appostli S. Pietru u S. Pawl, lill-Qaddisin kollha, u lilkom ħuti, li jiena dnibt bil-ħsieb, bil-kliem u bil-għamil, bi ħtija tiegħi, bi ħtija tiegħi, bil-wisq kbira ħtija tiegħi; għalhekk jiena nitlob lil Marija Santissima dejjem Xebba, lil S. Mikiel Arkanġlu, lil S. Ġwann Battista, lill-Appostli S. Pietru u S. Pawl, lill-Qaddisin kollha u lilkom, ħuti, li titolbu għalija lill-Mulej Alla tagħna.

P. Iħenn għalik Alla li jista' kollox u wara li jinħafrulek dnubietek iwasslek fil-ħajja ta' dejjem.

Q. Amen.

P. Nistqarr lil Alla li jista' kollox, lil Marija Santissima dejjem Xebba, lil S. Mikiel Arkanġlu, lil S. Ġwann Battista, lill-Appostli S. Pietru u S. Pawl, lill-Qaddisin kollha u lilek Missier li jiena dnibt bi ħtija tiegħi, bi ħtija tiegħi, bil-wisq kbira ħtija tiegħi; għalhekk jien nitlob lil Marija Santissima dejjem Xebba, lil S. Mikiel Arkanġlu lil S. Ġwann Battista, lill-Appostli S. Pietru u S. Pawl, lill-Qaddisin kollha u lilek, missier, li titolbu għalija lill-Mulej Alla tagħna.

Q. Iħenn għalikom Alla li jista' kollox u wara li jaħfrilkom dnubietkom iwassalkom għall-ħajja ta' dejjem.

P. Amen.

Q. Itina Alla li jista' kollox u kollu tjieba il-ħniena, il-maħfra, u t-tneħħija ta' dnubietna.

P. Amen.

Q. Dawwar wiċċek lejna u roddilna l-ħajja.

P. Biex il-poplu tiegħek jifraħ bik.

Q. Urina Mulej tjubitek.

P. U l-ħelsien tiegħek agħtina

Q. Ja Mulej isma' talbi

P. U ħalli leħni jasal għandek.

Q. Il-Mulej magħkom.

P. U ma ruħek.

*Il-Qassis jitla' l-artal*

Neħħilna ħtijietna nitolbuk, ja Mulej, ħalli jistħoqqilna nidħlu b'ruħ safja fil-Qaddis tal-Qaddisin. Amen.

*Il-Qassis ibus l-artal*

Nitolbuk ja Mulej, għall-merti tal-Qaddisin tiegħek li tagħhom hawn il-fdal u tal-qaddisin kollha biex jogħġbok taħfirli dnubieti kollha. Amen.

*L-Introjtu*: L-għonja kollha tal-poplu jfittxu wiċċek; għand is-sultan joħduha bix-xebbiet warajha, sħabha li jiġu għandek jiġu b'għana ta' ferħ u għajjat. (*Sal*. 44, 13. 15. 16). Hallelujah Hallelujah *Sal*. 44, 2, Qalbi imfawwra bi kliem sabiħ; ngħid jien l-għanja tiegħi lis-sultan

Glorja lill-Missier...

*Fi żmien l-Avvent*: *Is* 45, 8: Qattru, ja Smewwiet, mill-għoli u ħa jraxxax mis-sħab ir-Rebħ; ħa tinfetaħ l-art u jinbet il-ħelsien. *Sal* 84, 2; Ħennejt, ja Mulej għal artek, reġġajt ix-xorti ta' Gakobb. Glorja.

*Il-Qassis imur f'nofs l-artal u igħid:*

| | | | |
|---|---|---|---|
| Q. | Mulej ħniena<br>Mulej ħniena<br>Kristu ħniena<br>Mulej ħniena<br>Mulej ħniena | P. | Mulej ħniena<br>Kristu ħniena<br>Kristu ħniena<br>Mulej ħniena |

Q. Glorja lil Alla fl-għoli tas-Smwewiet u sliem fl-art lill-bnedmin ta' rieda tajba. Aħna infaħħruk. Aħna inqiemuk. Aħna insebbħuk. Niżżukħajr għall-glorja kbira tiegħek. Mulej Alla, s-Sultan tas-Sema, Alla l-Missier li jista' kollox. Ja Mulej, l-Iben waħdani Ġesù Kristu. Ja Mulej Alla, Ħaruf t'Alla, Iben il-Missier. Inti li tneħħi d-dnubiet tad-dinja, isma talbna. Inti li qiegħed fil-lemin tal-Missier, henn għalina. Għax inti biss qaddis. Inti biss is-Sid. Inti biss, ja Ġesù Kristu, l-ogħla, flimkien ma' l-Ispirtu s-Santu fil-glorja t'Alla il-Missier. Amen.

Q. Il-Mulej magħkom.

P. U ma' ruħek.

*Il-Kolletta:* Alla, li ridt li l-Verb tiegħek jieħu ġisem fil-ġuf tax-Xebba Imbierka Marija waqt it-tħabbira ta' l-Anġlu: agħti lilna li qed nitolbuk u li nistqarruha tabilħaqq Omm Alla li nkunu mgħejjuna mill-indħil tagħha quddiemek. F'ġieh l-istess Sidna Ġesù Kristu li qiegħed igħix u jsaltan Alla miegħek flimkien ma l-Ispirtu s-Santu għal dejjem ta' dejjem. Amen.

*Epistula:* Qari mill-Ktieb tal-Profeta Isaija (Is 7, 10-15).

F'dak iż-żmien qal il-Mulej lil Ahaz: 'Itlob sinjal minn għand il-Mulej Alla tiegħek, f'qiegħ l-art jew fis-sema 'l fuq.' U qal Ahaz: 'Ma nitlobx u ma nġarrabx lill-Mulej'. U qal: Isimgħu mela ja dar

David! Hija ħaġa żgħira li tkiddu n-nies, biex tkiddu 'l Alla tiegħi wkoll? Għalhekk jagħtikom il-Mulej hu nnifsu sinjal: Ara x-xebba titqal u tiled iben, u ssemmih 'Għimmanu El'. Baqta u għasel jiekol, meta jagħraf ibarri l-ħażin u jaħtar it-tajjeb.

*Gradwal*: Insawwab l-ħlewwa fuq xuftejk; għalhekk bierkek Alla għal dejjem. Bir-riżq! irkeb għassewwa u għall-ħaqq u turik għeġubijiet lemintek.

*Fi żmien l-Avvent*: Erfgħu, ja bwieb, irjuskom: irtefgħu, ja bibien tal-qedem biex jidħol Sultan is-sebħ *Sal* 23, 3-4: Min jista' jitla' fuq l-għolja tal-Mulej, min joqgħod flimkien imqaddes tiegħu? Min idejh bla ħtija u qalbu safja.

Hallelujah, Hallelujah. *Lk* 1, 28 Is-sliem għalik Marija, mimlija bil-grazzja, il-Mulej miegħek: imbierka inti fost in-nisa. Hallelujah.

*Tratt*: Isma', binti, ħares u agħti widen; ħa jinxtegħel is-sultan bi ġmielek. *Sal* 44, 13, 10. U l-għonja kollha tal-poplu jfittxu il-wiċċek :ulied is-slaten f'ġiehek *Sal* 44, 15, 16. Għand is-sultan jeħduha bix-xebbiet urajha, sħabha li jiġu għandek. Jinġiebu b'għana ta' ferħ u għajjat; jidħlu f'dar is-sultan.

*Fi żmien il-Għid f'lok il-Gradwal u t-tratt tingħad l-Hallelujah il-Kbira.*

*L-Hallelujah l-Kbira*: Hallelujah,Hallelujah. *Lk*. 1, 28. Is-Sliem, Marija, mimlija bil-grazzja: il-Mulej miegħek: imbierka int fost in-nisa. Hallelujah *Nm* 17, 8. Ir-rimja ta' Isaj warrdet: Xebba nislet wieħed li hu Alla u Bniedem: Alla għamel paċi billi għaqqad fih in-Nifsu l-ogħla u l-iżgħar. Hallelujah.

Q. Naddafli l-qalbi u l-xuftejja Alla li tista' kollox, li naddaft b'faħma taqbad xuftejn il-Profeta Isaija: hekk issa int għal ħniena tiegħek jogħ-

ġbok tnaddafni sabiex ikun jixraqli inħabbar il-Vanġelu Mqaddes tiegħek.

Q. Nitolbok Mulej, berikni. Il-Mulej ikun f'qalbi u fuq xuftejja; biex inxandar il-Vanġelu tiegħu kif jixraq u kif għandu jkun. Amen.

Q. Il-Mulej magħkom.

P. U ma ruħek.

Q. Jissokta l-Vanġelu ta' San Luqa. (1, 26-38).

P. Is-sebħ miegħek, Mulej.

F'dak iż-żmien kien mibgħut l-Anġlu Gabriel mingħand Alla f'belt tal-Galilija li kien jisimha Nazareth għand xbejba imgħarrsa lil raġel jismu Ġużeppi mid-dar ta' David, u isem ix-xebba kien Marija; u resaq lejha u qalilha: Is-Sliem, mimlija bil-grazzja, il-Mulej miegħek. Għal dan il-kliem tħawdet u bdiet titħasseb x'setgħet kienet din it-tislima. L-anġlu qalilha: La tibżax Marija, sibt int tabilħaqq grazzja quddiem Alla. U arak tnissel f'ġufek u tiled iben, u ssemmih Ġesù. Hu jkun kbir u bin il-Għoli jissejjaħ, u jtih il-Mulej Alla it-tron ta' David missieru, u jsaltan fuq dar Gakob għal dejjem u s-saltna tiegħu ma jkollhiex tmiem. Marija qalet lill-Anġlu: Kif jista' jkun dan la jiena ma nafx raġel? U l-anġlu wieġeb u qalilha: Ruħ il-Qodos jinżel fuqek u l-qawwa ta' l-Għoli iddellek u għalhekk dak li jitwieled ikun qaddis, jissejjaħ iben t'Alla. U hekk hu li Eliżabetta qaribtek nisslet tifel fi xjuħitha, u dik li kienet tissejjaħ hawlija qegħda fis-sitt xahar tagħha. Għax quddiem Alla m'hemm xejn li ma jistax ikun. U wieġbet Marija: Hawn hi l-qaddejja tal-Mulej, ikun minni kif għidtli.

P. Tifħir għalik, Kristu.

Q. Jinħafrulna dnubietna bis-saħħa tal-Vanġelu li qrajna.

*Kredu*: Jiena nemmen f'Alla wieħed, il-Missier li jista' kollox, ħallieq tas-sema u l-art, ta' kulma jidher u ta' kulma jidherx. U f'Sid wieħed Ġesù Kristu, Iben waħdani t'Alla. U mnissel mill-Missier qabel iż-żmenijiet kollha. Alla min Alla, mnissel mhux maħluq, ħaġa waħda mal-Missier u li bih kollox sar. Li mħabba fina l-bnedmin u mħabba l-fidwa tagħna niżel mis-smewwiet (*Hawn oqgħod għarkubtejk*) u ħa l-ġisem bil-għamil ta' l-Ispirtu s-Santu mix-Xebba Marija. Kien imsallab għalina; bata taħt Ponzju Pilatu u kien midfun. U qam mill-imwiet fit-tielet jum skond l-Kotba Imqaddsa; u tala' s-sema; qiegħed fuq il-lemin tal-Missier u għandu jerġa' jiġi jagħmel ħaqq mill-mejtin u mill-ħajjin: u s-Saltna tiegħu ma jkollhiex tmiem. U fl-Ispirtu s-Santu, Sid li jaħji: li ħiereġ mill-Missier u l-Iben. Li jitqiem u jissebbaħ mal-Missier u l-Iben f'daqqa; li tkellem b'fomm il-Profeti. U fi Knisja waħda, qaddisa, kattolika u appostolika. Nistqarr magħmudija waħda għall-maħfra tad-dnubiet. U nistenna il-qawma mill-imwiet u l-ħajja taż-żmien li ġej. Amen.

*Offertorju*: Is-sliem għalik, Marija, mimlija bil-grazzja, il-Mulej miegħek; imbierka inti fost in-nisa u mbierek il-frott tal-ġuf tiegħek (*Fi żmien il-Għid* Hallelujah).

*Il-Qassis joffri l-Ostja*: Ilqa' Ja Missier Qaddis, Alla etern li jista' kollox, din l-ostja bla tebgħa, li jien qaddej bla ma jixraqli qed noffri lilek, Alla tiegħi ħaj u tassew, għal dnubieti bla għadd, rexgħiet u nuqqasijiet tiegħi, u għal dawn kollha li hawn madwari, u għal fidili nsara kollha ħajjien u mejtin, sabiex tiswa lili u lilhom ta' ġid għall-ħajja ta' dejjem. Amen.

*Il-Qassis iferra' l-inbid fil-Kalċi, ibierek l-ilma u jixħet ftit qtar fil-Kalċi.*

Alla, li b'għaġeb kbir ħlaqt id-dinjita' tal-bniedem, u b'għaġeb ikbar ġeddidtha: agħmel li aħna bis-saħħa ta' dan il-misterju ta' l-ilma u l-inbid nissieħbu fid-divinita' ma dak li għoġbu jissieħeb magħna il-bnedmin, Ġesù Kristu Iben tiegħek u Sid tagħna: li qiegħed igħix u jsaltan Alla flimkien ma l-Ispirtu s-Santu għal dejjem ta' dejjem. Amen.

*Il-Qassis joffri l-Kalċi.*

Noffrulek ja Mulej, il-Kalċi tas-saħħa fil-waqt li nitolbuk il-ħniena tiegħek, sabiex din l-offerta titla' quddiem il-majesta' divina tiegħek bi fwieħa li tgħaxxaq għas-saħħa tagħna u tad-dinja kollha. Amen.

B'ruħna umli u niedma nkunu milqugħin minnek Mulej, u jalla s-sagrifiċċju tagħna llum ikun mogħġub quddiemek, Mulej Alla.

Ejja int, Ja Alla li tqaddes u tista' kollox u bierek dan is-sagrifiċċju imħejji għal ismek il-qaddis.

*Ħasil idejn il-Qassis.* — *Sal* 25. Naħsel fis-safa idejja u ndur madwar midbħek Mulej, biex insamma leħen ta' tifħir, biex inxandar għeġubijietek kollha. Mulejja, nħobb il-ġmiel ta' darek, u l-imkien fejn igħammar sebħek. La tiġborx ruħi mal-midinbin, u l-anqas ħajti ma nies id-demmija, li għandhom f'idejhom il-ħażen u leminthom mimlija bl-għatjiet. Iżda jien nimxi bla ħtija, eħlisni u ħenn għalija. Riġli wieqaf fil-wita, fil-ġemgħat infaħħar il-Mulej.

*Il-Qassis imur f'nofs l-Artal*

Q. Itolbu, ħuti, sabiex is-sagrifiċċju tiegħi u tagħkom ikun mogħġub quddiem Alla li jista' kollox.

P. Jilqa' Alla is-sagrificcju minn idejk għat-tifħir u s-sebħ ta' ismu, għall-ġid tagħna u tal-Knisja tiegħu kollha. Amen.

*It-Talb sigriet.*

Saħħaħ fi qlubna, Ja Mulej, nitolbuk, il-misteri tal-fidi vera; sabiex aħna li nistqarru li dak li tnissel mix-Xebba Marija hu Alla u bniedem tassew ikun jistħoqqilna li naslu għall-hena ta' dejjem bis-saħħa tal-Qawmien feddej tiegħu. F'ġieh l-istess Ġesù Kristu Sidna li miegħek qiegħed igħix u jsaltan Alla flimkien ma l-Ispirtu s-Santu għal dejjem ta' dejjem. Amen.

*Prefazju.*

Q. Il-Mulej magħkom.

P. U ma' ruħek.

Q. Nerfgħu qlubna 'il fuq.

P. Erfajnihom lejn il-Mulej.

Q. Inroddu ħajr lill-Mulej Alla tagħna.

P. Hu xieraq u sewwa.

Talibħaqq xieraq u sewwa, mistħoqq u siewi li aħna kullimkien u dejjem inroddulek ħajr; lilek Mulej Qaddis, Missier li jista' kollox, Alla għal dejjem u lilek infaħħru, inbierku u nxandru fit-tħabbir ta' l-Imbierka dejjem Xebba Marija. Li mdella mill-Ispirtu s-Santu nisslet lill-Iben waħdani tiegħek; u waqt li s-sebħ ta' xbubitha baqa' bla mittiefes tat lid-dinja id-dawl ta' dejjem: Ġesù Kristu Sidna. Li mħabba fih l-anġli jfaħħru l-majesta' tiegħek, id-dominazjonijiet iqimuha, jitregħdu il-potestajiet, is-smewwiet u l-qtajja tagħhom u l-Kerubini mbierka marbuta flimkien juru il-ferħ tagħhom. U magħhom aħna nitolbuk li tgħaqqad leħinna waqt li ntennu b'tifħira umli: Qaddis, Qaddis,

Qaddis, Mulej Alla tal-Qtajja': Is-Smewwiet u l-art huma mimlija b'sebħek. Hosanna fl-ogħla. Imbierek dak li ġej fl-isem tal-Mulej. Hosanna fl-ogħla.

*Il-Kanoni.* Għalhekk aħna, Missier l-iktar ħanin bil-qima kollha nitolbuk f'ġieh Sidna Ġesù Kristu Ibnek li tilqa' u tbierek dawn il-għatjiet, dawn l-offerti u dawn is-sagrifiċċi bla tebgħa; li qed noffrulek l-ewwelnett għall-Knisja Kattolka Imqaddsa tiegħek biex jogħġbok ittiha is-sliem, tħarisha, tiġborha, u tmexxiha mad-dinja kollha flimkien mal-qaddej tiegħek il-Papa.... l-isqof tagħna... u ma dawk kollha li għandhom il-fidi vera u li jistqarru l-fidi kattolika u appostolika.

Ftakar, ja Mulej, fil-qaddejja tiegħek...... u f'dawn kollha miġbura hawnhekk, li twemminhom u tjubiethom inti taf, li għalihom aħna noffrulek (is-sagrifiċċju) jew li lilek joffru dan is-sagrifiċċju ta' tifħir għalihom infushom u għall-qrabathom, għall-fidwa ta' irwieħhom bit-tama tal-ġid u s-saħħa tagħhom; u huma qed itemmu l-wegħdi lilek Alla etern, ħaj u veru.

*Il-Qħaqda mall-Qaddisin tas-sema*

Magħqudin magħhom u filwaqt li nqimu t-tifkira l-ewwelnett tax-Xebba Marija Omm Alla u Sidna Ġesù Kristu u tal-Appostli Imbierka u l-Martri tiegħek, Pietru u Pawlu, Andrea, Gakbu, Ġwanni, Tumas, Gakbu, Filippu, Bartolomew, Mattew, Xmun u Taddew, Linu, Kletu, Klement, Sistu, Kornelju, Ciprijanu, Lorenzu, Krisogonu, Govanni u Pawlu, Kosma u Damjan, u tal-qaddisin tiegħek kollha; għall-merti u t-talb tagħhom tina li f'kollox inkunu imsaħħa bil-għajnuna tal-ħarsien tiegħek. F'ġieh l-istess Sidna Ġesù Kristu li miegħek qiegħed igħix u jsaltan Alla flimkien ma l-Ispirtu s-Santu għal dejjem ta' dejjem. Amen.

*Il-Qassis ipoġġi idejh fuq l-oblata*

Mulej nitolbuk għalhekk li, imberred, int tilqa' l-offerta tagħna l-qaddeja tiegħek u tal-familja tiegħek kollha; u li tqassmilna jiemna fis-sliem tiegħek u teħlisna mit-telfin ta' dejjem u tagħmel li aħna ningħaddu mal-merħla tal-magħżulin tiegħek.

*Iddoqq il-qampiena.*

U aħna nitolbuk, Ja Alla, li tbierek, tqaddes tgħaddi għal kollox din l-offerta tagħna u tagħmilha mogħġuba quddiemek, ħalli ssirilna l-Ġisem u d-Demm tal-maħbub Ibnek Sidna Ġesù Kristu.

*Il-Konsagrazzjoni.*

Li fil-jum ta' qabel tbatijietu, ħa f'idejh qaddisa u għażiża il-Ħobż u b'għajnejh merfugħa lejn is-sema lilek Alla Missieru li jista' kollox rad il-ħajr, bierek, qassam u għadda lid-dixxipli tiegħu u qalilhom:

Ħudu u kulu min dan ilkoll:

GĦAX DAN HUWA ĠISMI

Bl-istess mod wara li kien kiel ħa f'idejh qaddisa u għażiża dan il-kalċi msebbaħ u reġa' raddlek ħajr, bierek, u ta lid-dixxipli tiegħu u qal:
Ħudu u ixorbu minnu lkoll:

GĦAX DAN HUWA DEMMI TA' L-GĦAQDA L-ĠDIDA TA' DEJJEM — IL-MISTERU TAL-FIDI — LI JIXTERED GĦALIKOM U GĦAL ĦAFNA GĦALL-MAĦFRA TAD-DNUBIET.

Kull meta tagħmlu dan għamluh b'tifkira tiegħi.

*Jissokta l-Kanoni*

Għalhekk Mulej, aħna l-qaddejja tiegħek u l-poplu tiegħek imqaddes niftakru fil-Passjoni mbierka, fil-Qawmien mill-imwiet u fit-Tlugħ tiegħu imsebbaħ fis-sema u noffru lill-majesta' glorjuża tiegħek min dak li tajtna, mir-rigali u mill-għatjiet tiegħek vittma safja, vittma qaddisa, vittma bla tebgħa, il-Ħobż qaddis għall-ħajja ta' dejjem u l-Kalċi għas-saħħa ta' dejjem.

U fuq dawn jogħġbok tħares b'wiċċ ħanin u sielem, u tilqagħhom bħalma għoġbok tilqa' l-offerta tal-qaddej tiegħek il-qaddis Abel u s-sagrifiċċju tal-Patrijarka tagħna Abraham, u dak li offrilek l-qassis Kbir tiegħek Melkisedeq, sagrifiċċju qaddis, vittma bla tebgħa.

Bil-ħniena nitolbuk ja Alla li tista' kollox, agħmel li l-anġlu tiegħek iwassal b'idejh din l-offerta fl-ogħli fuq l-artal tiegħek quddiem il-majesta' divina tiegħek, sabiex aħna lkoll li qed nissieħbu f'dan l-artal billi nieħdu l-imqaddes Ġisem u Demm ta' Ibnek infuru b'kull barka u ġid tas-Sema. F'ġieh l-istess Kristu Sidna. Amen.

*Niftakru fil-Mejtin.*

Ftakar ukoll ja Mulej fil-qaddejja tiegħek......... li marru qabilna bis-sinjal tal-Fidi u li rieqda ir-raqda tas-sliem.

Lilhom ja Mulej u 'l dawk kollha li jinsabu mistrieħa fi Kristu, agħti il-post tal-mistrieħ, dawl u sliem f'ġieh l-istess Ġesù Kristu Sidna. Amen.

*Il-qassis iħabbat fuq sidru u igħid:*

U lilna ukoll midinbin qaddejja tiegħek, li nittamw fil-kotra tal-ħniena tiegħek jogħġbok tagħti sehem u ssieħeb mall-Appostli Imqaddsa u Martri, ma Ġwanni, Stiefnu, Mattija, Barnaba, Injazju, Alessandru, Marcel-

linu, Pietru, Felicita, Perpetwa, Agata, Lucija, Anjeze, Cecilja, Anastasja, u l-qaddisin kollha tiegħek. Daħħalna nitolbuk fil-ġemgħa tagħhom bla ma tqies il-merti tagħna, iżda ħares lejn il-ħniena tiegħek. F'Ġieh Ġesù Kristu Sidna. Amen.

Li bih kollox ja Mulej, int taħlaq, tqaddes, taħji, tbierek, u tagħti lilna.

Bih in-nifsu, miegħu n-nifsu, u fih in-nisfu jingħataw lilek Alla Missier li tista' kollox, flimkien ma l-Ispirtu s-Santu, kull ġieh u kull sebħ.

Q. Għal dejjem ta' dejjem. Amen.

P. Amen.

*Il-Missierna.*

Q. Immexxija bi twissijiet fejjieda u mgħallma min Alla n-nifsu għandna l-ħila ngħidu:

Missierna li Inti fis-smewwiet, jitqaddes Ismek, tiġi Saltnatek; ikun dak li trid kif fis-Sema hekk dan fl-art. Ħobżna ta' kuljum agħtina llum aħfrilna dnubietna bħalma aħna naħfru lil min hu ħati għalina. U la ddaħħalniex fit-tiġrif;

P. Iżda eħlisna mid-deni.

Q. Amen.

Eħlisna nitolbuk ja Mulej, mid-deni kollu l-imgħoddi t'issa u talli ġej, bl-indħil għalina ta' l-Imbierka u Msebbħa Xebba Marija Omm Alla, flimkien ma dak ta' l-Appostli tiegħek Pietru, Pawlu u Andrea, u tal-qaddisin kollha agħtina is-sliem fi żmienna u mgħejjunin mill-ħniena tiegħek inkunu meħlusa dejjem mid-dnub u mħarsa min kull inkwiet. F'ġieh l-istess Ġesù Kristu Sidna li miegħek qiegħed igħix u jsaltan Alla flimkien ma' l-Ispirtu s-Santu għal dejjem ta' dejjem. Amen.

P. Amen.

Q. Is-Sliem tal-Mulej magħkom.

P. U ma ruħek.

Q. J'Alla din it-taħlita u l-konsagrazzjoni tal-Ġisem u d-Demm ta' Sidna Ġesù Kristu tkun għalina li sa noħduha ta' siwi għall-ħajja ta' Dejjem. Amen.

Ħaruf t'Alla li tneħħi d-dnubiet tad-dinja:
ħenn għalina.

Ħaruf t'Alla li tneħħi d-dnubiet tad-dinja:
ħenn għalina.

Ħaruf t'Alla li tneħħi d-dnubiet tad-dinja:
agħtina l-paċi.

*Talbiet ta' qabel it-tqarbin.*

Mulej Ġesù Kristu li għidt lill-Appostli: inħallilkom is-sliem, intikom is-sliem tħarisx lejn ħtijieti, iżda lejn il-fidi tal-Knisja tiegħek; u fittex li skond ir-rieda tiegħek ittiha s-sliem u tiġborha. Inti li tgħix u ssaltan għal dejjem ta' dejjem. Amen.

Mulej Ġesù Kristu, l-Iben t'Alla Ħaj, li bir-rieda tal-Missier u bil-għajnuna ta' l-Ispirtu s-Santu ħjejt lid-dinja bil-mewt tiegħek: eħlisni bis-saħħa ta' dan l-imqaddes Ġisem u Demm min kull ħtija tiegħi u min kull ħażen u agħmel li nkun marbut dejjem mal-liġi tiegħek u tħalli qatt li ninfired minnek; int li qiegħed tgħix u ssaltan Alla flimkien mal-Missier Alla u l-Ispirtu s-Santu għal dejjem ta' dejjem. Amen.

Tħallix ja Mulej Ġesù Kristu li t-tqarbin bil-Ġisem Tiegħek li jien bla ma jixraqli se jkolli l-ħila nieħu jisfali ta' ħaqq u kundanna iżda f'imħabba l-ħniena tiegħek jisfali ta' ħarsien għal ruħi u għal ġismi u biex

nikseb il-fejqan. Int li tgħix u s-saltan Alla mal-Missier Alla flimkien ma l-Ispirtu s-Santu Alla għal dejjem ta' dejjem. Amen.

*It-Tqarbina*

Nieħu f'idejja l-ħobż tas-sema u nsejjaħ l-isem tal-Mulej.

Mulej ma jistħoqqlix li tidħol taħt is-saqaf tiegħi; iżda għid kelma waħda biss u ruħi tfiq. (*Għal tlett darbiet*).

X'nagħti lill-Mulej għal dak kollu li tani? Nieħu il-kalċi tas-Saħħa u nsejjaħ l-isem tal-Mulej. Infaħħar u nsejjaħ lill-Mulej u nkun meħlus mill-egħedewwa.

Id-demm ta' Sidna Ġesù Kristu iħares lil ruħi sal ħajja ta' dejjem. Amen.

Dak li ħadna b'fommna, Mulej, nilqugħha wkoll b'qalb safja; u dak li tajtna fiż-żmien jiswielna għall-ħajja ta' dejjem.

Il-Ġisem tiegħek, Mulej, li jiena kilt u d-demm li jiena xrobt, jingħaqdu miegħi għal kollox u agħmel li fija ma tibqax tebgħa ta' ħtija li l-misteri safja u qaddisa ġeddu għal kollox. Inti li tgħix u s-saltan għal dejjem ta' dejjem. Amen.

*It-Tqarbina* — Is 7, 14.

Ara x-xebba titqal u tiled Iben u ssemmih Għimmanu El. (*Żmien il-Għid* Hallelujah).

Q. Il-Mulej magħkom.

P. U ma ruħek.

Sawwab, Ja Mulej, nitolbuk, il-grazzja tiegħek fi qlubna, sabiex wara li għarafna l-inkarnazzjoni ta' Kristu Ibnek nitwasslu għas-Sebħ tal-qawmien mill-imwiet bis-saħħa tal-passjoni u s-salib tiegħu. F'ġieh l-istess Ġesù Kristu Sidna li miegħek qiegħed igħix u jsaltan Alla flimkien ma l-Ispirtu s-Santu għal dejjem ta' dejjem. Amen.

Q. Il-Mulej magħkom.

P. U ma ruħek.

Q. Morru, il-Quddiesa intemmet.

P. Ħajr lil Alla.

Togħġbok, Ja Trinità Qaddisa, il-qima tiegħi qaddej tiegħek; u agħmel li s-sagrifiċċju li jiena bla ma jistħoqqli offrejt quddiemek lill-Majestà tiegħek ikun mogħġub minnek u jkun għalija u għal dawk kollha li għalihom offrejtu ta' ġid għal ħniena tiegħek. F'Ġieh Ġesù Kristu Sidna. Amen.

Q. Ibierikkom Alla li jista' kollox: il-Missier u l-Iben u l-Ispirtu s-Santu.

P. Amen.

*Il-Vanġelu ta' l-aħħar*: *Gw.* 1, 1-14.

Q. Il-bidu tal-Vanġelu ta' S. Ġwann.

P. Is-sebħ miegħek Mulej.

Fil-bidu kien il-Verb u l-Verb kien għand Alla u l-Verb kien Alla. Hu kien mill-bidu għand Alla; kollox intgħamel bih u mingħajru ma sar xejn min dak li sar. Fih kienet il-ħajja u l-ħajja kienet id-dawl tal-bnedmin. U d-dawl jiddi fid-dlamijiet u d-dlamijiet ma għarfuhx. Kien hemm bniedem mibgħut minn Alla, kien jismu

Gwanni; hu ġie biex jixhed għad-Dawl sabiex kulħadd jemmen imħabba fih. Ma kienx hu d-Dawl iżda ġie biex jixhed għad-Dawl. Id-dawl tassew li jdawwal lil kull bniedem ġie fid-dinja; huwa kien fid-dinja u d-dinja saret bih u d-dinja ma għarfietux u ġie f'daru u qrabatu ma laqgħuhx; iżda dawk kollha li laqgħuh Hu tahom il-qawwa li jsiru ulied Alla; lil dawk kollha li jemmnu f'Ismu, li ma humiex imnissla mid-demm l-anqas mix-xewqa tal-ġisem l-anqas mirrieda tal-bniedem, iżda min Alla. U l-Verb sar bniedem u għammar fostna u aħna rajna is-Sebħ tiegħu, is-Sebħ li l-Iben waħdani ha mingħand Missieru mimli bit-tjieba u s-sedqa.

---

## MARIJA U EVA

Eva tqarqet min kliem l-Anġlu u ħarbet min Alla għax ma semgħetx kliemu. L-aħbar waslet għand Marija permezz ta' Anġlu, u nisslet lil Alla fi ħdanha għax obdiet kelmtu. Fil-waqt li waħda ma obdietx, l-oħra obdiet, għalhekk Marija saret l-avukata ta' Eva. U bħal ma l-Bniedem waqa' għal mewt b'xebba, hekk ukoll kien mifdi min Xebba, u nżamm il-miżien bejn id-disubbidjenza u l-ubbidjenza ta' xebba.

S. Irinew (140-222): *Kontra l-Ereżji.*

Meta Eva kienet għadha xebba daħlet il-kelma li ġiebet il-mewt; hekk ukoll il-Verb t'Alla li ġib il-ħajja daħal f'Xebba; sabiex dak li mħabba f'mara inqered jerġa' jieħu l-ħajja permezz ta' mara. Eva emmnet is-serp, Marija emmnet lil Gabriel. Il-ħsara li ġiet bi twemmin Eva tħassret bi twemmin Marija.

Tertulljanu: (160-222): *Ġisem Kristu.*

**IS-SLIEM GĦALIK, MIMLIJA BIL-GRAZZJA!**



**MARIJA ANNUNZJATA**

*Xbiha tal-Lunzjata li tinsab meqjuma fil-Knisja Parrokkjali Matriċi ta' Ħal Tarxien.*

## KURUNELLA LIL SIDTNA MARIJA MHABBRA MILL-ANĠLU GABRIEL

Kien il-bniedem, kien, jaħasra!
Jibki jilfoq u jitniehed,
Kien jistenna s-Salvatur
Mn'awl id-dinja lilu mwiegħed.

Hekk ġa kif ta' l-ikbar Ħniena
l-għeġubijiet ridt turi magħna;
Ilqa' t-talb flimkien mal-qima,
Li nagħtuk, kbir Alla tagħna.

*Pater, Ave, Gloria.*

Kif Omm Alla kont maħtura
Fost il-ħlejjaq, Int, Marija,
Ġejt imnissla mingħajr tebgħa
Bil-ġmiel għanja fil-qdusija.

Għalhekk aħna nifirħulek
Bil-ġmiel tiegħek imgħaxxqin;
Għalina itlob, lilna agħder
Fil-hemm tagħna midinbin.

*Pater, Ave, Gloria.*

Kif il-milja taż-żmien waslet
Kollu ħeffa fuq is-sħab
Gabriel mill-ogħla sema
Bl-aħbar niżel bħall-ħuttab.

Oh! X'aħbar ta' ferħ mill-akbar
Illi s-sema u l-art henniet!
Biex nifirhu Int, Marija,
Biegħed minna d-dlamijiet.

*Pater, Ave, Gloria.*

Kif l-Arkanġlu ġie quddiemek
Sabiex miegħek hu jitkellem
Kollu qima kollu ħlewwa
Fetaħ fommu, lilek sellem.

Hekk ġie fisser li fis-sema
Ġa magħrufa kont Sultana.
Nifirħulek, u kif ħaqqek
Nagħtuk qima mill-qalb tagħna.

*Pater, Ave, Gloria.*

Dit-tislima ġieblek l-Anġlu:
Sliem għalik, qallek, Marija,
Is-Sinjur, Kbir Alla, miegħek,
Inti bil-grazzja ġejt mimlija.

Dit-tislima hekk għażiża,
Li mis-sema lilek ġiet,
Ferħanin ilkoll intennu
Lilek Xebba tax-Xebbiet.

*Pater, Ave, Gloria.*

L-Iben t'Alla ħtarek b'Ommu
Sabiex bniedem jista' jsir,
Il-kunsens hu minnek jitlob
Għal Misteru hekk da kbir.

Wieġeb mela, ja Marija,
Wieġeb wieġeb għal dil-bxara,
Omm il-Ħniena kun Għalina
Nitolbuk ilkoll bil-ħrara.

*Pater, Ave, Gloria.*

Għaliex imma Xbejba mqaddsa
Inti mbeżża' Int ħusbiena?
Il-kbir Misteru kif iseħħ
Għax tistaqsi narak jiena?

Tax-Xbubija l-kbira għożża
Ah ! ridt tgħarraf u tfehimha:
Kif dal-ġmiel bla tebgħa nħarsu
nitolbuk dejjem għallimna.

*Pater, Ave, Gloria.*

Il-Kbir Alla jista' kollox,
Safja fik tibqa' x-xbubija
Isir Ibnek l-Iben t'Alla
Biss bis-setgħa tal-Qdusija.

Ifraħ mela ! ifraħ Marija;
B'għaġeb kbir tal-ħlejjaq kollha
F'dinjità li ma hemmx bħalha
Lilek waħdek Alla għolla !

*Pater, Ave, Gloria.*

Hawn jien, mela, s-serva t'Alla,
li nistqarru tiegħi s-Sid;
Ikun minni kif int għidtli,
kif rid Alla jien rrid.

Fil-waqt seħħ l-egħżeż Misteru
L-Iben t'Alla Bniedem sar;
Il-ferħ ġera; l-Anġlu ħieni
B'din l-aħbar għall-ġenna tar.

*Pater, Ave, Gloria.*

*Ant.*

L-Anġlu Gabriel kellem lil Marija u qalilha: Is-sliem, mimlija bil-grazzja, il-Mulej miegħek; imbierka inti fost n-nisa.

V. Is-sliem għalik, Marija, bil-grazzja mimlija.
R. l-Mulej miegħek.
Orazzjoni tal-Quddiesa. paġ. 13.

*Miktuba mill-Kan. Kap. D. Dovik Mifsud-Tomasi fl-1874 u mogħnija bl-Indulġenza ta' 200 jum mill-Arċisqof Mons. Michele Gonzi fit-13 ta' Marzu 1953.*

## INNU LIL MARIJA ANNUNZJATA

*(Versi ta' Mons. K. Psaila D. Lit., li jitkantaw fil-Festa tal-Lunzjata),*

Iftaħ qalbek għall-hena tas-sema
ġens imjassar fil-hera tad-dnub;
ilek tibki u tiġġerra bla faraġ,
b'qalbek mejta, bi ħsiebek midrub;

Ara t-tfajla sabiħa ta' Jesse,
ara l-Anġlu tal-fidwa ħabbar;
isma' l-kelma ħanina min Alla
xi ddoqq ħelu fis-satra tad-dar;

Is-sliem għalik Marija,
Int, xebba tax-xebbiet,
Tkun Omm u fik titwettaq
il-Wegħda tas-smewwiet.

Kisser kisser il-ktajjen tal-jasar;
ibda l-għanja tal-ferħ, tal-ħelsien;
le mhix ħolma dil-fawra ta' mħabba
li sa tbiddel ix-xejra taż-żmien.

Il-Ħabbar illi stenna t-tweġiba
qed jitbissem, hemm dija f'għajnejh
ħarġet kelma mill-fomm ta' Marija
li qatt bħalha ma semgħu widnejh:

Jekk bix-xejn tiegħu għoġbu
jitgħaxxaq il-Mulej,
titwettaq fija kelmtek,
ħa jasal il-Feddej

Dalwaqt tasal fid-dija tas-sema
fuq il-ħeffa tal-ġwienaħ l-aħbar
dalwaqt tisma fuq l-arpi tal-Ġenna
idoqq l-innu ta' l-għaġeb li sar.

U bħal berqa tixtered mad-dinja
it-tnedija tal-għadu midrub,
u lit-tfajla sabiħa ta' Jesse
toħroġ l-għajta ferrieħa mill-qlub:

Is-sliem għalik Sultana
li dnub ma tafx x'inhu;
Int ftaħt il-bwieb tal-Ġenna
Omm ħelwa ta' Ġesù.

---

## TIFĦIR LIL MARIJA

O xbejba Sidti, Omm Alla bla tebgħa, sidti imsebbħa, benefattriċi tiegħi, ogħla mis-smewwiet, safja iktar mir-raġġi tax-xemx, il-fergħa ta' Aron li wardet, int tabilħaqq il-fergħa, u l-warda tiegħek hu tabilħaqq Ibnek Ġesù Kristu Sidna, Alla tiegħi u Ħallieq tiegħi; inti nissilt fil-ġisem lil Alla u lill-Verb; bqajt xebba qabel it-twelid, xebba wara t-twelid, u aħna tħabbibna m'Alla bis-saħħa ta' Ibnek Ġesù.

Sant Efrem: Mill-*opri Griegi.*

---